**Il-Kwadri ta' San Ġużepp u tal-Addolorata fil-Parroċċa ta' Ta' Xbiex.**
**Minn Victor Caruana B.A.(Hons), MA, Storja tal-Arti**

Il-knisja parrokkjali ta' Ta' Xbiex, iddedikata lil San Ġwann tas-Salib m'hijiex fost dawk il-knejjes tipiċi Maltin li nsibu jiddominaw l-irħula u l-ibliet tagħna. L-arkitettura tagħha ma ġietx ispirata mill-istil Barokk li jikkaratterizza tant knejjes oħra ta' pajjiżna u lanqas hija waħda li hija miżgħuda b'għadd ta' pitturi li jżejjnu l-artali u s-soqfa. Minkejja dan, f'din il-knisja wieħed isib żewġ kwadri nteressanti li huma ferm aktar antiki mill-knisja nnifisha.

Dawn il-kwadri saru matul is-seklu dsatax u jirrappreżentaw lil San Ġużepp – li huwa xogħol il-pittur Malti Giuseppe Cali' (1846-1930) u lil Marija Addolorata, li hija xogħol it-Taljan Attilio Palombi (c.1860-1912). Aktar minn kull aspett ikonografiku jew stilistiku partikolari, dawn ir-rappreżentazzjonijiet huma nteressanti minħabba l-fatt li saru minn żewġ artisti li l-karrieri tagħhom ikkonverġew f'aktar minn każ wieħed u rriżultaw f'konfronti ta' pika artistika matul dan il-perjodu fl-istorja tal-arti Maltija. Iż-żewġ kwadri ma sarux sabiex jitpoġġew fuq altar imma jidher li l-iskop tagħhom kien purament devozzjonali. Dan jidher mhux biss mid-daqs tagħhom imma anke mill-mod ta' kif l-artisti rispettivi trattaw is-suġġett. Minkejja li kemm il-pittur Malti u dak Ruman interpretaw it-tema fl-istil partikolari tagħhom, fihom ma nsibux lill-personaġġi f'xi xena narrattiva iżda narawhom f'poża pjuttost kalma li tistieden lid-devot sabiex jitlob quddiemhom.

## Il-Kwadru ta' San Ġużepp



Il-kwadru ta' San Ġużepp oriġinarjament kien sar għall-parroċċa tal-Imsida, li għandha l-patroċinju tal-istess qaddis. Madanakollu, jidher li ma nstabx post fejn dan jitpoġġa u għalhekk il-benefatturi li kkummissjonaw din it-tila żammew din il-pittura għandhom sakemm meta fl-1958 kien komplut il-bini tal-knisja f'Ta' Xbiex, huma taw din ix-xbiha lil dan it-tempju ġdid.[1] Il-pittur Giuseppe Cali' pitter lil San Ġużepp diversi drabi, kemm għal fuq l-artali u kemm għal sotto-kwadri f'diversi parroċċi. Il-pittura f'Ta' Xbiex hija tipika għal dan il-pittur ċelebri, fejn fiha jiġi enfażizzat l-ispirtu Romantiku u Purista li kien popolari matul is-seklu dsatax. Dan l-ispirtu jsarraf f'enfażi fuq l-impatt devozzjonali li l-figuri jkollhom fuq id-devot u fejn il-personaġġi jiġu murija f'ġesti sempliċi u pożi naturali.[2]

Fil-pittura naraw lil San Ġużepp f'eta' avvanzata u li jidher mill-qadd 'l fuq bħal donnu qiegħed bil-qegħda filwaqt li jħares lejn l-ispettatur b'ħarsa pjuttost ħosbiena. Il-pala ta' jdejh

[1] Komunikazzjoni personali mas-Sur Marcus E. Mifsud.

[2] Dan imur kontra l-prinċipji tal-istil Barokk, fejn l-aktar elementi li jispikkaw kienu l-ġesti movimentati u t-tqegħid drammatiku tal-pjiegi tal-ilbies – aspetti estetiċi li kellhom l-iskop li jirriflettu s-sitwazzjoni tar-ruħ tal-figuri partikolari.

il-leminija qed iżżomm fjur tal-ġilju – simbolu popolari assoċċjat ma' dal-qaddis - u toħroġ minn taħt il-mant ta' kulur isfar okru li jinsab marbut ċentralment fuq in-naħa ta' fuq ta' sidru u jdur ma' spallejh. Il-mant fuq il-lemin tal-qaddis jgħatti l-id u jibqa' sejjer sabiex b'panneġġi naturali u ritmiċi, jgħatti wkoll il-figura kollha filwaqt li jifforma linja djagonali fil-parti t'isfel tal-kwadru. Bl-id l-oħra, il-qaddis qed iħaddan miegħu il-figura ta' Ġesu' Bambin li jinsab bilqegħda f'ħoġor il-missier putattiv tiegħu iħares direttament lejn l-ispettatur. Cali' pittru b'idejh miftuħin bħal donnu Ġesu' qed juri lilu nniffsu bħala l-Iben t'Alla u fl-istess ħin jistieden lid-devot jersaq lejh. Il-libsa bajda tiegħu ma turix biss is-safa' u l-innoċenza li jispikkaw fil-persuna tiegħu iżda wkoll ifakkru fit-titlu ta' 'Ħaruf t'Alla' li San Ġwann il-Battista kien indirizza lejn Ġesu' fil-bidu tal-missjoni tiegħu. Il-ġest tal-idejn u l-kulur bajdani tal-libsa li tant jispikka fil-pittura jpoġġu lil Ġesu' Bambin bħala l-personaġġ prinċipali tal-kompożizzjoni, tant li anke San Ġużepp imejjel ftit rasu lejh b'sens ta' qima u sabiex iħajjar lill-ispettatur jitfa' l-attenzjoni tiegħu fuqu. L-istil tipiku tal-pittur Malti huwa evidenti f'kull aspett ta' din il-pittura, kemm jekk huwa realiżmu, tqassim u mudellatura fil-panneġġi tal-ilbies u anke l-għażla tal-kuluri bbilanċjati li ntużaw.

## Il-Kwadru ta' Marija Addolorata



Kwadru ieħor li sar fl-istess epoka tal-pittura ta' San Ġużepp huwa dak li jirrappreżenta lil Marija Addolorata, xogħol ta' Attilio Palombi. Fih naraw il-figura waħedha tal-Madonna, liebsa velu bajdani li joħloq kuntrast mal-kuluri skuri mhux biss tal-libsa ħamranija u l-mant ikħal iżda wkoll mal-kulur tal-karnaġġjon tagħha. Ix-xena hija ambjentata fil-post fejn issallab Kristu- il-Golgota, kif jidher sew mill-blat għoli li l-ispettatur jara fl-isfond tal-pittura.

L-Addolorata tinsab bilqegħda fiċ-ċentru tat-tila, fuq il-blat ta' dan il-post mistmerr. Palombi ħoloq kompożizzjoni trijangolari fil-poża tal-figura, li minn rasha titwessa permezz tal-mant tqil li hemm iserraħ ma' spallitha u li jinġema' b'mod goff ma' qaddha sakemm jgħatti wkoll saqajha. Idejha jinsabu mniżżlin 'l isfel u maqgħudin flimkien f'ġest tipiku ta' niket li nsibu f'dan is-suġġett. Fl-istess ħin, bihom il-Madonna qegħda żżomm ukoll il-mant magħha. Hija poża li tirrifletti sens ta' ġabra u meditazzjoni, kif muri wkoll mill-ħarsa 'l isfel tad-Duluri li twassal għajnejn id-devot lejn is-simboli tal-passjoni ta' Kristu, jiġifieri l-kuruna tax-xewk, l-imsiemer u l-ħabel li jinsabu mpoġġija fuq blata li hemm maġenb il-Madonna. Apparti s-sens ta' solitudni li fiha tinsab il-figura - waħedha f'dak il-post - l-atmosfera kiebja u ta' deżolazzjoni li tiddomina l-kwadru hija kompluta wkoll permezz tas-sħab skur li qed jiġi mferraq mid-dawl bajdani tax-xemx li bħal donnha waslet biex toħroġ minn warajhom. L-iswed tas-sħab jindika t-tmiem tad-dalma li kkaratterizzat l-aħħar ftit siegħat fil-ħajja ta' Kristu u fl-istess ħin jirrifletti s-sitwazzjoni u l-emozzjonijiet f'qalb l-omm imnikkta li għadha kemm rat lil binha jiġi umiljat u maqtul.

Wieħed jista' jgħid li għalkemm il-kwadri tpittru minn żewġ artisti differenti, xorta għandhom karatteristiċi li jirriflettu l-perjodu li saru fih. It-tnejn li huma, per eżempju, huma xogħlijiet tipiċi devozzjonali fejn fihom jispikka l-istil Purista u Romantiku li tant kien għal qalb il-poplu, speċjalment dawk li kellhom gosti artistiċi fini. Il-fatt li fi xbihat bħal dawn, id-devot seta' jsibha faċli li jitlob quddiemhom mingħajr l-aljenazzjonijiet ta' xi ġesti drammatiċi u moviment żejjed wassal sabiex iż-żewġ pitturi li ħolqu dawn iż-żewġ kompożizzjonijiet sempliċi iżda effettivi fil-messaġġ li riedu jwasslu jkunu fost l-aktar esponenti prominenti fl-istorja tal-arti sagra Maltija tas-seklu dsatax – storja li fiha Cali' u Palombi offrew episodji nteressanti li fihom spikkat il-pika u fejn wieħed jista' jifhem il-mentalita' u l-gosti estetiċi tal-kummissjonanti u l-poplu Malti fil-perjodu msemmi.

**Cali' u Palombi fl-Arti Maltija tas-Seklu 19**.

Matul is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, Giuseppe Cali' kien stabilixxa ruħu bħala l-aqwa pittur Malti tal-perjodu, b'numru mpressjonanti ta' kummissjonijiet fil-knejjes u kappelli tal-pajjiż kif ukoll b'numru ta' pitturi f'kollezzjonijiet privati u postijiet pubbliċi.[3] Minkejja l-popolarita' li kellu, huwa xorta sab artisti oħra li kkompetew miegħu għax-xogħol sagru fil-knejjes, fosthom Carlo Ignazio Cortis u Lazzaro Pisani li madanakollu fallew milli joffru kompetizzjoni denja għal Cali'. Mhux l-istess jista' jingħad pero' għall-pitturi Taljani li kienu qed jiġu Malta, li kienu ta' ossessjoni kbira għall-artist.[4] Dawn il-barranin, fosthom Filippo Venuti, Virgilio Monti u appuntu Attilio Palombi, sabu f'pajjiżna sezzjoni pjuttost kbira ta' kummissjonanti li minkejja x-xogħol artistiku għoli li kien qed jipproduċi Cali', xorta kienu jippreferu jafdaw il-pitturi li xtaqu f'idejn l-artisti Taljani. Diffiċli wieħed isib raġuni għal dan. Forsi minħabba li l-patruni tal-arti riedu nterpretazzjoni differenti tat-temi minn kif kien jagħmilhom il-pittur Malti, jew forsi kienu jemmnu u jaħsbu li l-barranin ser iġibu magħhom xi stil ġdid li jkun differenti minn kif kienu mdorrijin f'pajjiżna jew sempliċiment kellhom l-idea li l-artisti barranin kienu aktar kapaċi f'kemm dik li hi teknika u invenzjoni. Din kienet sitwazzjoni parallela ma' dik tal-iskultura figurattiva sagra tal-perjodu li kellha bħala protagonisti l-istatwarji Maltin bħal Carlo Darmanin u Vincenzo Maria Cremona u l-vari li kienu qed jiġu mpurtati minn Franza u l-Italja.

L-aktar persuna li magħha Cali' għex sitwazzjonijiet mhux daqstant kalmi u paċifiċi kien Attilio Palombi, fejn minħabba kompetizzjoni għall-kummissjonijiet u/jew għax inzerta li tqabbad hu sabiex iħassar u jpitter fuq xogħol tal-pittur Malti, Cali' spiċċa sabiex joqgħod għassa u aġġornat fuq dak li kien qed jiġri fiċ-ċrieki artistiċi lokali tal-perjodu ħalli kif jara jew jisma' b'xi kummissjoni li kienet ser tingħata lil Palombi, huwa jara x'jagħmel sabiex joffri offerta aħjar u jieħu x-xogħol hu. Cali' kien letteralment jirsisti u jiġġieled għall-ħobża tiegħu ta' kuljum minħabba li s-sitwazzjoni ekonomika ta' familtu ma' kienitx mill-aqwa.

[3] Għal aktar informazzjoni fuq dan l-artist u x-xogħol li pproduċa, ara Emmanuel Fiorentino, Louis A. Grasso, *Giuseppe Cali' 1846-1930*, Malta 1991.

[4] E. Fiorentino, L.A. Grasso, Malta 1991, p.28, nota nru.33.

Wieħed mill-aktar episodji sinjifikanti li juru l-pika li kien hemm bejn Cali' u Palombi huwa dak tas-saqaf tal-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt Valletta. Hawnhekk, il-patrijiet kienu diġa' ffirmaw kuntratt ma' Palombi sabiex iwettaq xogħol ta' pittura li turi l-Apoteożi ta' San Franġisk – xogħol li tiegħu Palombi kien ippreżenta abbozz fl-1905. Meta Cali' sar jaf b'dan, huwa ħass li seta' jwettaq xogħol aħjar, b'aktar figuri u bi prezz orħos u għalhekk huwa ffirma dikjarazzjoni fejn fiha huwa offra s-servizzi tiegħu għal din il-kummissjoni bla ma għamel referenza għall-kuntratt li l-patrijiet kienu diġa' ftehmu ma' Palombi. Eventwalment, Cali' rnexxielu jieħu l-kummissjoni hu minħabba l-kundizzjonijiet li ntrabat bihom – kundizzjonijiet li kienu tassew favorevoli għall-patrijiet.[5]

L-affarijiet mhux dejjem kienu favorevoli għalih madanakollu. Fl-1907 – l-istess sena meta ġie inawgurat is-saqaf fil-knisja tal-Franġiskani tal-Belt – Cali' sofra daqqa ta' ħarta meta Palombi ħassar waħda mill-aktar pitturi artistiċi li qatt kien għamel il-pittur Malti sa dak iż-żmien. Din kienet turi s-Sajda Mirakuluża tal-Ħut (1871) u kienet tpoġġiet fl-apside tal-kappella ta' San Gejtanu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Meta l-Kapitlu ta' din il-knisja ddeċieda li jbiddel it-tema tas-saqaf minn episodji mill-ħajja ta' Kristu għal episodji mill-ħajja ta' San Pawl, huma qabbdu lil Palombi biex iwettaq dan ix-xogħol. Meta ġie għall-apside msemmija, huwa ma kellux għażla oħra ħlief dik li jpitter fuq ix-xogħol ta' Cali' – sitwazzjoni li kompliet għarrqet ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ artisti.

**Konklużjoni**

Dawn iż-żewġ episodji huma l-aktar każijiet li jistgħu jagħtu idea tar-rivalita' li kienet teżisti bejn dawn iż-żewġ pitturi. Bla dubju, din il-pika wasslet sabiex kemm il-Malti u kemm it-Taljan jagħtu l-aqwa tal-kapaċitajiet tagħhom fil-kummissjonijiet li kienu jirċievu, bl-għan li jżidu l-popolarita' tagħhom u b'hekk jikkapparaw aktar xogħol. Ir-riżultat ta' dan kien ta' ġid għall-arti Maltija għax ix-xogħlijiet li nħolqu bis-saħħa t'hekk sawwru kapitlu nteressanti u kurjuż fl-istorja tal-arti apparti li għamluha aktar sinjura.

Huwa allura tassew ironiku li l-uniċi kwadri li nsibu fil-knisja parrokkjali f' Ta' Xbiex – knisja li hi għera minn dik li hi dekorazzjoni pittorika – huma xogħol ta' Giuseppe Cali' u Attilio Palombi: ir-rivali eterni li f'dan il-każ xogħolhom spiċċa ħdejn xulxin mingħajr polemiċi. Huma kwadri li huma xhieda tal-kapaċitajiet artistiċi ta' dawn iż-żewġ pitturi kif ukoll kwadri li jirriflettu l-gosti Puristi u devozzjonali tal-poplu fis-seklu dsatax. Min iħares lejn dawn iż-żewġ xbihat, m'għandux japprezza dan biss iżda wkoll jirrifletti fuq l-isfond storiku u artistiku tal-artisti li ħolquhom u l-konnessjoni li kien hemm bejniethom.

[5] Wara dan l-episodju, Palombi tella' l-patrijiet Franġiskani l-qorti talli ma rrispettawx il-ftehim li kienu għamlu flimkien u ġustament rebaħ il-każ: E.Fiorentino, L.A. Grasso, Malta 1991, p. 73.